# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 13 ta' Frar 2017**

**Numru 6**

**Rikors numru 30/15 MCH**

**Rosanne Galea u John David Galea**

**v.**

**L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan hu appell minn sentenza [is-sentenza appellata] tal-Qorti Civili Prim'Awla fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha li fiha dik il-Qorti [1] laqghet l-ewwel talba tar-rikorrenti u sabet li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrenti lill-pulizija fl-istadju tal-interrogazzjoni kienu lesivi tad-dritt ta' smigh xieraq sancit bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet

Fundamentali tal-Bniedem [il-Konvenzjoni] u, fic-cirkostanzi qieset li tali dikjarazzjoni hi '*just satisfaction*' ghal vjolazzjoni subita u tikkostitwixxi rimedju adegwat; [2] cahdet it-tieni talba tar-rikorrenti ghal dikjarazzjoni illi, minhabba kif gie kondott il-process kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Rosanne Galea et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Marzu tal-2014, gew lezi d-drittijiet taghhom ghal smigh xieraq kif sanciti bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, in kwantu qieset li tali talba kienet bla fundament legali jew fattwali; bl-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.[1]

**Mertu**

2. Permezz tal-proceduri odjerni, ir-rikorrenti jilmentaw minn lezjoni tal-Artikolu 6 tal-Kovenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, jigifieri ksur tad-dritt taghhom ghal smigh xieraq.  Tali lment jirrigwarda zewg kwistjonijiet: in-nuqqas ta' assistenza legali waqt li r-rikorrenti kienu qed jigu interrogati mill-pulizija qabel ma gew akkuzati u allegati nuqqasijiet da parti tal-Qorti tal-Appell Kriminali li wasslu ghall-kundanna tar-rikorrenti fil-proceduri kriminali mehuda kontrihom.  Dawn in-nuqqasijiet jikkoncernaw [a] id-dikjarazzjoni tal-Qorti tal-Apell Kriminali li hi tal-fehma li ghandha toqghod fuq ir-rakkomandazzjonijiet teknici ta' esperti mqabbda minn dik il-Qorti, meta l-Kodici Kriminali jipprovdi fl-Artikolu 656 illi l-gudikant mhux

[1] Ghall-finijiet ta' kompletezza jigi osservat illi skont il-verbal maghmul quddiem l-ewwel Qorti tal-21 ta' Ottubru 2015, ir-rikorrenti cedew il-kawza fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija, salv u impregudikati l-proceduri fil-konfront tal-Avukat Generali.

marbut li joqghod ghal fehma tal-periti kontra l-perswazzjoni tieghu; [b] id-dikjarazzjoni ta' dik l-istess Qorti illi hu irrilevanti li wara l-prezentata tat-*tender document* mir-rikorrenti huma ghamlu alterazzjonijiet li taw aktar access lil persuni b'dizabilita`, ghaliex fil-mument tal-prezentata ta' dak id-dokument id-dikjarazzjoni maghmula mir-rikorrenti li l-fond kien accessibbli ghal persuni b'dizabilita`, fil-fatt kienet falza u [c] illi l-Artikolu 188 tal-Kap. 9 li bih gew akkuzati r-rikorrenti jirrikjedi l-element specifiku tal-*mens rea* u dan ma giex konsidrat mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

3. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha, a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "L-ilmenti tar-rikorrenti huma bbazati fuq l-artikolu 6 tal-Kovenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni cioe ksur tad-dritt ta' smigh xieraq.
>
> "6. (1) Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat għal smigh imparzjali u pubbliku fi żmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista' jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'socjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieġ, jew safejn ikun rigorozament mehtieg fil-fehma tal-qorti f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicità tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja.
>
> "(3) Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu d-drittijiet minimi li gejjin:
> (a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raguni tal-akkuza kontra tieghu;
> (b) li jkollu zmien u facilitajiet xierqa ghall-preparazzjoni tad-difiza tieghu;

(c) li jiddefendi ruhu persunalment jew permezz ta’ assistenza legali maghzula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi bizzejjed li jhallas l-assistenza legali, din ghandha tinghata lilu b’xejn meta l-interessi tal-gustizzja jehtiegu hekk;
(d) li jezamina jew li jara li jigu ezaminati xhieda kontra tieghu u li jottjeni l-attendenza u l-ezami ta’ xhieda favur tieghu taht l-istess kundizzjonijiet bhax-xhieda kontra tieghu;
(e) li jkollu assistenza b’xejn ta’ interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa uzata fil-qorti.

“39. (1) Kull meta xi hadd ikun akkuzat b’reat kriminali huwa ghandu, kemm-il darba l-akkuza ma tigix irtirata, jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b’ligi.
(2) Kull qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b’ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta’ drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli.

“Tali lment hu indirizzat ghal zewg episodji distinti. L-ewwel ilment jirrigwarda n-nuqqas ta’ assistenza legali waqt li r-rikorrenti kienu qed jigu interrogati mill-pulizija qabel ma gew akkuzati. It-tieni lment jirrigwarda nuqqasijiet legali mill-Qorti tal-Appell Kriminali li waslu ghal kundanna tar-rikorrenti fil-proceduri kriminali mehuda kontrihom. Dawn in-nuqqasijiet huma s-segwenti cioe (a) id-dikjarazzjoni tal-Qorti li ghandha toqghod fuq rakkomandazzjonijiet teknici ta’ esperti mqabbda mill-Qorti billi l-Kodici Kriminali jipprovdi fl-artikolu 656 illi l-gudikant mhux marbut li joqghod ghal fehma tal-periti kontra l-perswazzjoni tieghu; (b) id-dikjarazzjoni tal-Qorti illi ma jaghmilx differenza jekk wara l-prezentata tat-tender document mir-rikorrenti huma ghamlu alterazzjonijiet li ppermetta aktar access ghal persuni b’dizabilita, ghaliex f’dak il-mument tal-prezentata tat-tender document id-dikjarazzjoni maghmula mir-rikorrenti fl-istess document li l-fond kien accessibbli ghal persuni b’dizabilita fil-fatt ma kienx. Ir-rikorrenti jsostnu illi l-Qorti naqset tqis li f’dawn is-sitwazzjonijiet bejn il-bidding process u selection process hemm perjodu meqjus bhala mobilisation period fejn min jobbliga ruhu jkun lest li jwettaq dak mwieghed meta jigi ffirmat il-kuntratt. In oltre l-istess tender document ma kienx jispecifika x’tip ta’ accessibilita kien mistenni ghal persuni b’dizabilita. Apparti dan l-artikolu 188 tal-Kap. 9 li bih gew akkuzati r-rikorrenti jirrikjedi l-element specifiku tal-mens rea u dan ma giex kunsidrat mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

“**Nuqqas ta’ rapprezentanza waqt l-interrogazzjoni u li waslet biex ir-rikorrenti jirrilaxxaw stqarrija**

“**Il-principji applikabbli**

"Fl-ewwel lok l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ma japplikax ghal sitwazzjonijiet li jipprecdu t-tehid ta' proceduri kriminali u ghalhekk l-ilment tar-rikorrenti ma jistax jigi kunsidrat a bazi tal-artikolu 39. Izda l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni hu ta' interpretazzjoni aktar wiesa u dan l-ilment jista' jigi kunsidrat taht dan l-artikolu.

"Din il-kwistjoni tqajmet f'diversi kawzi b'diversi konsiderazzjonijiet maghmula mill-Qorti Kostituzzjonali mhux dejjem bl-istess konkluzjoni raggunta mill-istess Qorti. A skans ta' ripetizzjni, dan gie rilevat mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza **Borg vs Malta** tat-12 ta' Jannar 2016 (ara para. 35 sa 46 tal-istess sentenza). Fil-kawza Borg, fejn il-proceduri kostituzzjonali ittiehdu wara sentenza finali tal-Qorti tal-Appell Kriminali kif inhu dan il-kaz, il-Qorti Ewropea qalet hekk fuq id-dritt ta' assistenza legali fl-istadju tal-interrogazzjoni:

> "43. In this case the accused had made two statements in the absence of a lawyer, in the first denying any connection with possession or trafficking of drugs, and in the second admitting to having taken ecstasy pills (which amounts to possession according to the domestic case-law) but denying trafficking, although he had mentioned facts which connected him to other persons involved in trafficking.
>
> "44. The Constitutional Court reiterated the same reasoning applied in the cases of Alvin Privitera and Esron Pullicino, cited above. It further noted case-law subsequent to Salduz in which the Court had found a violation despite the fact that the applicant had remained silent while in police custody (Dayanan v. Turkey, no. 7377/03, 13 October 2009) and despite there being no admission of guilt in the statements given by the applicants (Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009). In Boz v. Turkey (no. 2039/04, 9 February 2010) the Court had stressed that the systemic restriction of access to a lawyer pursuant to the relevant legal provisions breached Article 6. The Constitutional Court further referred to the finding in Cadder v. Her Majesty's Advocate [2010] UKSC 43, which concerned the same situation in the Scottish legal system and where that court had agreed to follow Salduz to the letter.

"Jidher mill-estratt ta' din is-sentenza kwotata, illi l-Qorti Ewropea, salv f'kazijiet ferm eccezzjonali, ma tippermetti ebda eccezzjoni ghar-regola li hu dritt fondamentali ta' akkuzat li jkun assistit waqt li qed jigi interrogat, aktar u aktar meta ser ihalli stqarrija li minnha nfisha hi inkriminanti, ghalkemm mhux necessarju fil-fatt lit kun saret stqarrija ghal fini ta' ksur. In-nuqqas ta' oppozizzjoni tal-interrogat li jaghmel stqarrija jew jirrispondi d-domandi; il-fatt li fi zmien li ttiehdet l-istqarrija l-ligi domestika ma kinitx tipprovdi ghal tali assistenza; il-fatt li l-interrogat ikun inghata twissija u ma kien hemm ebda koerzjoni, ingann, theddid jew vjolenza ma hu ta' ebda solliev ghall-intimat biex tigi gustifikata n-nuqqas tad-dritt ta' assistenza legali. Jidher anki li l-fatt li l-kawza kostituzzjonali saret wara tmiem il-proceduri kriminali ma

hix ta' ostakolu ghal fatt li l-vjolenza tkun sehhet. Dan jidher li kienu c-cirkostanzi kif qalet l-istess Qorti Ewropea f'parti ohra tal-istess sentenza Borg f'kuntest iehor:

> "54. They (cioe l-Gvern) submitted that in the present case the applicant was twenty-seven years old, and the amount of drugs involved was 816 grams of heroin which was 47% pure, which had been transported to Malta by two couriers who had already been used by the applicant for this purpose. Other objects associated with drug importation and trafficking had been seized by the police from the applicant's residence, such as telephones and a piece of paper with foreign names written on it. Other evidence besides his statement was collected and brought to the attention of the trial courts. Although the applicant chose not to sign the statement, he had voluntarily answered the questions put to him during questioning, he had been cautioned about his right to remain silent, and at no point was he threatened or coerced into giving a statement. Moreover, he answered some questions and refused to answer others, and categorically denied involvement in the drug transaction. Furthermore, the applicant was not a first offender, as according to his conviction sheet he had been arraigned on one previous occasion (concerning driving a modified car without a seatbelt).

"Ghal kompletezza qed jigi wkoll sottomess dak li qal il-Gvern a rigward:

> "53. The Government considered that the right to see (sic) a lawyer in the early stages of a police investigation was not absolute and could be subject to restrictions. They referred to the cases of Imbrioscia, cited above; John Murray, cited above; and Ahmet Mete v. Turkey (no. 77649/01, 25 April 2006), as well as Salduz (cited above). The Government, recapitulating the facts and findings in the case of Salduz, considered that in reaching its conclusion the Grand Chamber gave particular weight to the applicant's age. The Government reiterated that the faithful interpretation of Salduz was that "a violation can only be found if the conviction of an accused person is solely based on incriminating statements that an accused made while being questioned, where the accused person was not given access to legal assistance". In their view any other interpretation thwarted the logic around the judgment. The Government further referred to the facts and findings in Płonka v. Poland (no. 20310/02, 31 March 2009); Aleksandr Zaichenko v. Russia (no. 39660/02, 18 February 2010); Nechiporuk and Yonkalo (cited above); and Huseyn and Others (also cited above) and noted that in those cases the applicants were convicted solely on the basis of their statements in which the applicants had admitted wrongdoing.

"B'dana kollu l-Qorti Ewropea xorta sabet vjolazzjoni.

"**Applikazzjoni tal-principju ghal fatti**

"Jidher illi f'dan il-kaz l-istess fatti bhal dak fil-kaz ta' Borg jissusistu ghalkemm ir-reat kien wiehed differenti. Ma hemmx hjiel li r-rikorrenti gew ingannati jew sfurzati jirrilaxxaw stqarrija meta fil-perjodu li fih saret fl-2008 il-ligi ma kinitx tipprovdi ghal assistenza legali. B'danakollu l-Qorti Ewropea qed taghmilha cara illi tali stqarrija tmur kontra d-dritt tal-akkuzat ghal smigh xieraq u hi vjolazzjoni tal-artikolu 6. Din il-Qorti ma thoss li ghandha tmur kontra pronunzjament daqshekk car tal-Qorti Ewropea, u fic-cirkostanzi tqis li l-fatt wahdu li ttiehdet stqarrija f'dawn ic-cirkostanzi, kemm jekk l-istqarrija influitx o meno fuq il-htija tar-rikorrenti, hi lesiva tad-drittijiet tar-rikorrenti. Ghalhekk tqis l-ewwel talba bhala gustifikata. Il-Qorti pero fic-cirkostanzi tqis li ghandha wkoll tqis ir-rimedju mitlub ghal tali vjolazzjoni. Ir-rikorrenti ma jitolbu ebda rimedju specifiku. Il-Qorti tqis illi kemm il-Kap. 319 fiz-zmien tal-interrogazzjoni u l-bdil fil-ligi domestika dwar l-assistanza legali waqt l-interrogazzjoni fl-2010 kienu jew suppost kienu gia ben noti ghar-rikorrenti waqt is-smigh tal-proceduri kriminali u qabel is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati u wisq aktar fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell. Madankollu huma qatt ma hassew il-htiega li jilmentaw fuq l-ghotja tal-istqarrijiet u l-pregudizzju percepit minnhom issa bl-ghoti taghhom. Fl-ebda stadju tal-process kriminali ma talbu referenza kostituzjonali fuq il-kwistjoni tal-ammissibilita tal-istqarrijiet, lanqas quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Kien biss wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fejn instabet hatja li hassew li d-drittijiet taghhom gew mittiefsa. In oltre jidher minn qari tas-sentenza tal-Appell Kriminali illi l-Qorti tal-Appell ma strahatx biss fuq l-istqarrijiet tal-akkuzati izda hadet in konsiderazzjoni d-dikjarazzjoni ffirmata li saret mir-rikorrenti meta pprezentaw it-tender fejn issottomettew li l-fond kien accessibbli ghal persuni b'dizabilita u r-rapport teknici tal-Qorti li kkonfermaw in-nuqqas ta' accessibilita. Dawn kienu provi oggettivi li ma kienx jistriehu fuq l-istqarrija tar-rikorrenti. Konsiderazzjoni fattwali simili saret mill-Qorti Ewropea.

"Fis-sentenza **Gafgen v Germany** (no. 22978/05, 03 June 2010) il-Qorti qalet hekk:

> "164. In determining whether the proceedings as a whole were fair, regard must also be had as to whether the rights of the defence have been respected. In particular, it must be examined whether the applicant was given an opportunity to challenge the authenticity of the evidence and to oppose its use. In addition, the quality of the evidence must be taken into consideration, as must the circumstances in which it was obtained and whether these circumstances cast doubts on its reliability or accuracy. While no problem of fairness necessarily arises where the evidence obtained was unsupported by other material, it may be noted that where the evidence is very strong and there is no risk of its being unreliable, the need for supporting evidence is correspondingly weaker (see, inter alia, Khan, cited above, §§ 35 and 37; Allan, cited above, § 43; and the judgment in Jalloh, cited above, § 96). In this connection, the Court further attaches

> weight to whether the evidence in question was or was not decisive for the outcome of the proceedings (compare, in particular, Khan, cited above, §§ 35 and 37).

"Il-Qorti ghalhekk tqis fic-cirkostanzi illi d-dikjarazzjoni gudizjarja ta' lezjoni ta' dritt sancit bl-artikolu 6 hu 'just satisfaction' u jikkostitwixxi rimedju ghal kaz.

"**Nuqqasijiet fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali**

"**Il-principji applikabbli**

"Kif jghidu l-awturi **Harris, O"Boyle & Warbrick** fil-ktieb 'Law of the European Convention on Human Rights' a fol. 202 u 204 (Tieni Edizzjoni):

> "The application of Article 6 has presented the Court, and formerly the Commission, with various problems. A delicate question is the closeness with which it should monitor the functioning of national courts. The Court has studiously and properly followed the 'fourth instance' doctrine, according to which, as the Court regularly states, 'it is not its function to deal with errors of fact or law allegedly committed by a national Court unless and in so far as they may have infringed rights and freedoms protected by the Convention'.[2] The right to a fair hearing, which is one such Convention right, has, as its wording generally suggests, been interpreted as providing only a procedural, not a substantive, guarantee. Accordingly, the Court will intervene in respect to 'errors offact or law' by a national court only insofar as they bear upon compliance with the procedural guarantees in Article 6: it does not intervene under Article 6 because they affect the 'fairness' of the national court decision on its merits.[3] However, this last statement must be read subject to a limitation that is to be found in some recent Court jurisprudence to the effect that there may be a breach of Article 6 where a national court decision on the merits has been 'arbitrary or manifestly unreasonable'.[4]
>
> "Finally, it is relevant to note that in some contexts a breach of Article 6 will only be found to have occurred upon proof of ' actual prejudice' to the applicant. This is the case in the application of the residual 'fair hearing' guarantee in Article 6(1),[5] and is true of some specific Article 6 guarantees. As to the latter, Stavros[6] states in respect of criminal cases:

[2] *Garcia Ruiz v Spain* 1999-I; 31 EHRR 589 para 28 GC. Italics added. On the 'fourth instance' doctrine, *see* above, p 14.
[3] See eg, *Anderson v UK No 44958/98* hudoc (1999) DA.
[4] *Cammilleri v Malta No 51760/99* hudoc (2000) DA (no breach on the facts).
[5] See below, p 246. Thus in a 'fair hearing' case, 'where the procedural flaw is not central to the notion of a fair hearing … a violation will be registered if the shortcoming in question caused actual prejudice to the defence': *Harper v UK No 11229/84*, 1986 unreported, quoted in Stavros, p 44.
[6] Stavros, p 44. Footnotes omitted. The same approach applies to civil cases.

"This tendency has manifested itself in the context of Article 6(3)(a), (b) and (d) and sometimes in the context of the right to an impartial tribunal. This is not, however, always the case. The Convention organs appear to regard the presence of actual prejudice inherent in the failure to observe other guarantees,[7] pronouncing automatically the breach of the Convention.

"In cases in which 'actual prejudice' is sought, this will be decided on the basis of the hearing 'as a whole', so that a procedural deficiency that is outweighed by other aspects of the hearing[8] or that is rectified on appeal[9] will not involve a breach of Article 6.

"**Applikazzjoni tal-principji ghal fatti**

"Harsa lejn it-tlett aggravji konnessi ma' dan l-ilment, il-Qorti hi propensa tqis li dawn l-aggravji huma biss il-ftuh ta' appell gdid minn kawza li llum hi res judicata u billi ma hemmx triq ohra mnejn ighaddu r-rikorrenti, allura qed jirrikorru ghal rimedju kostituzjonali. Harsa sew lejn l-aggravji fil-fatt ma juru xejn hlief nuqqas ta' qbil ma' dak deciz mill-Qorti tal-Appell, principalment fuq kwsitjoni ta' interpretazzjoni procedurali u ta' fatti ma' dak li tipprovdi l-ligi kriminali.

"Madankollu l-Qorti tqis illi l-gustizzja titlob illi l-ilment xorta jigi investigat fl-ispecifiku tieghu biex il-Qorti tara s-sentenza kinitx wahda arbitrarja jew manifestament irragonevoli jew jekk ir-rikorrenti soffrewx 'actual prejudice' fl-applikazzjoni tal-garanzija residwa tas-smigh xieraq.

"L-ewwel ilment jirrigwarda dak li qalet il-Qorti fuq l-aderenza ma' rapport ta' esperti mqabbda minnha. Ir-rikorrenti jsostnu li l-ligi tipprovdi li l-gudikant ma ghandux jintrabat ma' rapport ta' espert kontra l-perswazzjoni tieghu. Dan l-aggravju hu frivolu ghax il-ligi kull ma taghmel hu illi taghti l-fakolta lil gudikant li jiskarta opinjoni esperta bhal kull prova ohra ammissibbli fil-ligi fejn l-istess gudikant ma jqis li hi rilevanti jew attendibbli ghal kaz. Ma jfissirx b'daqshekk li l-gudikant ghandu arbitrarjament jiskarta opinjoni teknika bla ragun fondat. F'dan il-kaz kull ma ghamlet il-Qorti tal-Appell hu li stqarret li opinjoni esperta f'materja specjalizzata fiha piz kbir meta l-Qorti mhix esperta fil-materja. Tali opinjoni ghandha tigi osservata mhux skartata nonostante li l-gudikant <u>jista ma joqghodx fuq relazzjoni teknika</u> (kliem

---

[7] Ed. The author refers to the *Artico* and *Luedicke* cases, below, pp' 320 and 327, concerning Article 6(3) (c) and (e) respectively. The same must be true of the Article 6(1) guarantee of a public hearing in viewmof the purpose it serves. The requirement of 'actual prejudice' is most vividly illustrated by the ruling that an accused who is acquitted is no longer a 'victirn' and so cannot complain of a breach of Article 6: *Heancy and McGuiness v lreland* 2000-XII; 33 EHRR 264. For the 'reasonable time' exception to this, see below, p 278, n 721.

[8] *See* eg, *Stanford vs UK* A 282-A (1994).

[8] See eg, *Edwards vs UK* A 247-B (1992); 15 EHRR 417.

sottolineat tal-Qorti tal-Appell Kriminali). Kwindi ma ntqal xejn arbitrarju jew manifestament zbaljat jew pregudizjevoli ghad-drittijiet tar-rikorrenti.

“It-tieni lment tar-rikorrent hu dwar interpretazzjoni ta’ fatt ghal ligi kriminali. Il-fatt li r-rikorrenti hassewhom urtati bl-argumentazzjoni tal-Qorti fuq il-kwistjoni, ma jfissirx li tali argumentazzjoni hi arbitrarja jew manifestament irragonevoli. Il-Qorti tal-Appell qieset illi l-mument rilevanti ghal sejbien ta’ htija ta’ reat li bih kienu akkuzati r-rikorrenti kein il-mument li fih sar it-tender. Dan kien il-mument li fih gie kommess ir-reat ai fini tal-ligi kriminali. Kwistonijet ohra relatati ma’ tenders tal-Gvern kienu irrilevanti ghal skopijiet kriminali. Tali interpretazzjoni hi wahda lecita u ammissibbli fil-kamp kriminali u ma fiha xejn arbitrarju jew irragonevoli. Ebda pregudizju li jmur kontra l-artikolu 6 ma gie rekat lir-rikorrenti. Dak li gie mimsus invece hu s-sejbien ta’ htija ghal reat fuq il-fatti tal-kaz meta quddiem il-Qorti tal-Magistrati r-rikorrenti ma nstabux hatja ghax dik il-Qorti tat interpretazzjoni differenti. Ma hemmx xejn fil-gudikat li jwassal ghal applikazzjoni hazina tal-ligi. In oltre jigi rilevat illi dan l-argument kien wiehed mill-argumenti u aggravji mqajma mill-prosekuzjoni fl-appell u li l-Qorti tal-Appell ikkunsidrat u ddecidiet dwaru.

“Ghalhekk dan l-ilment ma fihx siwi anqas.

“L-ahhar ilment tar-rikorrenti jirrigwarda n-nuqqas tal-Qorti tal-Appell li jikkonsidra l-mens rea bhala element essenjali biex tinstab htija taht l-artikolu 188 tal-Kap. 9 li bih instabu hatja r-rikorrenti. Din il-Qorti ma tqis fondata tali allegazzjoni. Il-Qorti qieset illi r-rapporti peritali esebiti fl-atti tal-kawza urew illi fil-mument tal-prezentata tat-tender document mir-rikorrenti, il-fond kollu ma kienx accessibbli ghal persuni li juzaw il-wheel chair. Dan wahdu juri illi meta gie prezentat it-tender document ir-rikorrenti kienu jafu li qed jikkonfermaw il-falz meta ddikjaraw li kien accessibbli ghal persuni b’dizabilita. Il-Qorti qieset illi tali kondizzjoni fit-tender kienet wahda bla limitazzjoni u l-istqarrija tar-rikorrenti li l-fond kien accessibbli ghal maggoranza ta’ persuni b’dizabilita u li qatt ma kellhom xi hadd b’wheel chair juza l-fond ma kinitx ghajr ingann f’dikjarazzjoni ta’ tender pubbliku, intiz biex jiehdu vantagg mid-dokument tat-tender bil-gidba li kien fih u sabiex b’din il-gidba l-process ighaddi fl-istadju tal-evalwazzjoni fejn permezz ta’ din il-gidba kienu partecipi. Il-Qorti altru milli ssib li l-Qorti kriminali kkunsidrat l-element tal-mens rea, cioe x-xjenza ta’ dak li r-rikorrenti kienu qed jaghmlu u li kien kontra dak li kienu jipprovdu l-kondizzjonijiet specifici tat-tender, dejjem bl-interpretazzjoni li l-Qorti Kriminali tat lil kondizzjoni fit-tender mertu kollu tal-kaz, liema interpretazzjoni, din il-Qorti ma tistax ticcensura bhala arbitrarja jew manifestament irragonevoli.

“Ghalhekk dan l-ilment tar-rikorrenti bbazat fuq nuqqasijiet fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali hi bla bazi”.

**L-Appell**

4. L-aggravji tar-rikorrenti, fil-qosor, huma s-segwenti: [1] illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi rigward il-lanjanza tal-enuncjazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-ligi kriminali mill-Qorti tal-Appell Kriminali; [2] illi r-rimedju moghti mill-ewwel Qorti wara s-sejba ta' lezjoni tad-dritt taghhom ghal smigh xieraq meta ma nghatawx id-dritt ghal assistenza legali, ma huwiex adegwat.

5. Jitolbu ghalhekk lil din il-Qorti sabiex [a] tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sahqet illi gew lezi d-drittijiet fundamentali taghhom fir-rigward tal-ewwel talba taghhom, tirrevokaha f'dik il-parti fejn l-istess Qorti bhala rimedju qieset illi tali dikjarazzjoni hi 'just satisfaction' ghal vjolazzjoni subita u minflok, taghti rimedju iehor opportun u effettiv ghall-fattispecie tal-kaz; u [b] thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn cahdet it-tieni lanjanza tal-appellanti u minflok, tipprovdi billi tilqa' t-tieni talba u tiddikjara ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u konsegwentement taghti rimedju effettiv. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

6. L-intimat Avukat Generali wiegeb fl-20 ta' Lulju 2016 u fisser ghala fil-fehma tieghu, l-appell ghandu jigi michud, u s-sentenza appellata ghandha tigi kkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

**L-Aggravji**

*L-Ewwel Aggravju*

7. Permezz tal-ewwel aggravju taghhom, ir-rikorrenti jilmentaw illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin u interpretazzjoni zbaljata tal-ligi kriminali applikabbli meta ddecidiet illi ma kien hemm ebda ksur tad-dritt fundamentali taghhom fir-rigward tat-tieni lanjanza, li hi fis-sens li l-Qorti tal-Appell ghamlet enuncjazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-Ligi. Jaghmlu referenza ghall-ktieb Law of the European Convention on Human Rights ta' Harris, O'Boyle & Warbrick, fejn jinghad inter alia illi jista' jinstab ksur tal-Artikolu 6 meta decizjoni ta' qorti tkun 'arbitrary or manifestly unreasonable' u jissottomettu illi d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali wasslet ghal 'actual prejudice' a skapitu taghhom.

8. Jilmentaw mill-fatt illi l-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi "*filwaqt illi huwa minnu illi gudikant jista' ma joqghodx fuq relazzjoni teknika, pero' dan ma jistax jaghmlu kapricjozament u jista' biss ma joqghodx fuq rakkomandazzjonijiet teknici jekk ikollu rapport iehor illi jmeri jew ivarja l-ewwel rapport. Il-Qorti ma jkollhiex esperjenza f'certa oqsma teknici illi gieli jkollha thabbat wiccha maghhom u ghalhekk tinnomina periti li jkunu esperti fil-materja sabiex jghinuha u jaghmlu r-rakkomandazzjonijiet taghhom. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet ghandhom jigu osservati u mhux imwarrba ghax hekk biss il-Qorti jista' jkollha s-serhan tal-mohh illi tiehu*

*decizjonijiet bazati fuq rakkomandazzjonijiet maghmula minn persuni teknici*”.

9. Jissottomettu illi din il-konkluzjoni maghmula mill-Qorti tal-Appell Kriminali ma tohrog minn imkien mil-Ligi anzi l-Kodici Kriminali stess jipprovdi illi “*min ghandu jiddecidi mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu*” [Artikolu 656 tal-Kodici Kriminali]. Ghalhekk skont ir-rikorrenti dik il-Qorti marret kontra dak provdut fl-istess kodici u ghamlet interpretazzjoni u wasslet ghall-konkluzjoni li kkrejaw pregudizzju ghalihom.

10. Fit-tieni lok jissottomettu illi l-istess Qorti tal-Appell Kriminali ghamlet enunzjazzjoni zbaljata ohra tal-ligi meta rriteniet illi “*L-importanti hu illi dakinhar illi gie pprezentat it-tender document fil-hdax [11] ta’ Settembru tal-elfejn u tmienja [2008] dak id-dokument kien jghid xi haga illi ma kienx veru. L-appellati kienu jafu b’dan, hadu gwadann minn din il-gidba billi l-process ghadda fl-istadju tal-evalwazzjoni. Il-fatt illi gie istallat stair climber fl-ghoxrin [20] ta’ Novembru tal-elfejn u tmienja [2008] ma jbiddel xejn ghas-sitwazzjoni legali li qed jaffrontaw l-appellati. Dan l-istair climber gie istallat wara l-prezentata tad-dokument tattender fejn allura l-appellati ircevew vantagg minn dan id-dokument sforz ghall-gidba illi kien fih. Dan jaqa' nettament taht ic-censura tal-artikolu 188 tal-Kap. 9 li ghaliha l-appellati ghandhom iwiegbu*”.

11. Dan jghiduh ghaliex f'kull sejha ghal tender hemm zewg stadji u cioè l-bidding process u s-selection process li jwassal ghall-iffirmar tal-kuntratt. Bejn dawn iz-zewg perijodi hemm dak li jissejjah il-mobilisation period li fl-istess kuntratt gie mfisser bhala "l-avviz bil-quddiem ghal min jiehu t-tender biex ilesti ruhu li jaghmel dak kollu li jkun wieghed fl-offerta". Jghidu ghalhekk illi l-accessibilita` ghal persuni bi bzonnijiet b'dizabilita` kellha tkun sodisfatta u ezistenti fil-mument tal-iffirmar tal-kuntratt u ghalhekk id-dikjarazzjoni maghmula mill-appellanti illi l-post kien accessibli ghal persuni b'dizabilita` ma kenitx dikjarazzjoni falza ai termini tal-Ligi stante illi tali accessibilita` kellha tissussisti biss fil-mument tal-iffirmar tal-kuntratt u effettivament fil-mument illi huma ffirmaw il-kuntratti relattivi kellhom il-post taghhom accessibli ghal persuni b'dizabilita`.

12. Jghidu wkoll illi s-sejha biex jigu provduti s-servizzi ta' tahrig, rikjest fit-tender, kien jispecifika biss li l-fond kellu jkun accessibli ghal persuni b'dizabilita` u li mkien ma giet marbuta din tal-accessibilita` ma' xi kriterji specifici. Stante illi jezistu gradi varji ta' dizabilita` liema gradi ma gewx specifikati fit-tender u tenut kont illi l-post kien accessibli ghal persuni b'dizabilita`, dan iwassal biex l-appellanti fil-mument illi tefghu t-tender taghhom ma kienux qed jaghmlu dikjarazzjoni falza. Jghidu li ma jaqblu xejn ma dak li ntqal mill-ewwel Onorabbli Qorti u cioè illi dan hu punt ta' interpretazzjoni u ghalhekk m'hemm xejn illi jwassal ghal applikazzjoni hazina tal-ligi.

13. Jilmentaw ukoll mill-fatt illi l-Qorti tal-Appell Kriminali lanqas biss ikkonsidrat l-element tal-*mens rea* meta giet biex tanalizza l-fatti speci tal-kaz u l-imputazzjoni hekk kif dedotta fil-konfront taghhom bir-rizultat li dik il-Qorti ma haditx kont tal-*bona fidi* taghhom ghal fini tar-reat imputabbli lilhom. Dan ifisser illi l-Qorti tal-Appell Kriminali naqset milli tikkonsidra element principali fis-sejbien ta' htija fil-konfront taghom, liema element huwa espressament rikjest mil-ligi stess. Dan iwassal ghal ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghal smigh xieraq ai termini tal-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq citati.

14. Ghalhekk, ir-rikorrenti jhossu illi huma sofrew pregudizzju reali u attwali stante illi s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-proceduri kriminali kienet wahda arbitrarja u manifestament irragonevoli.

15. L-Avukat Generali jwiegeb ghall-ewwel aggravju tar-rikorrenti billi jissottometti li r-rikorrenti qeghdin jistiednu lil din il-Qorti taghmel apprezzament mill-gdid tal-provi u tax-xhieda li tressqu fil-process kriminali. Huwa evidenti li l-appellanti m'humiex kuntenti mill-fatt li huma kienu nstabu hatja mill-Qorti tal-Appell, wara rikors ta' appell li gie intavolat mill-Ufficcju tal-Avukat Generali, u issa qed jipprovaw jattakaw dik is-sentenza permezz ta' dawn il-proceduri kostituzzjonali. Fis-sustanza, ir-rikorrenti qed jistiednu lil din l-Qorti terga tidhol fil-mertu tal-

process kriminali, taghmel apprezzament mill-gdid tal-provi migjuba u b'hekk taghmilha ta' qorti tat- tielet jew raba' Istanza. L-Artikoli 6 u 39 fuq citati ma jaghtux dritt li akkuzat ikollu xi rimedju quddiem qorti tat-tielet grad wara sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali u ghalhekk m'huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tistharreg mill-gdid il-konkluzjoni li waslet ghaliha dik il-Qorti meta rrevokat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

16. L-Avukat Generali jkompli jissottometti li ma hemm xejn irragjonevoli fil-konsiderazzjoni maghmula mill-Qorti tal-Appell Kriminali li r-relazzjonijiet teknici huma importanti u m'ghandhomx jigu skartati kappriccjosament, ghax qorti ma jkollhiex kompetenza f'kollox. Il-Qorti bdiet billi qalet li gudikant jista' jaghzel li ma joqghodx fuq relazzjoni ta' espert. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti ma ntqal xejn arbitrarju jew manifestament zbaljat mill-Qorti tal-Appell Kriminali li kien ta' pregudizzju ghad-drittijiet kostituzzjonali tar-rikorrenti.

17. Rigward l-ilment l-iehor dwar l-interpretazzjoni li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali meta kkonsidrat li l-mument relevanti ghar-reat li gew akkuzati li wettqu l-appellanti huwa dak ta' meta gie prezentat it-tender. Jissottometti li dik il-Qorti tat l-interpretazzjoni taghha dwar il-mument ta' meta kien sehh ir-reat, li evidentement ma taqbilx mal-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Magistrati. Inoltre din kienet kwistjoni sollevata mill-

prosekuzzjoni fl-appell taghha li giet abbraccjata mill-Qorti tal-Appell Kriminali, u l-fatt li l-appellanti m'humiex qed jaqblu mal-interpretazzjoni ma jwassalx ghal-ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

18. Dwar l-ilment tar-rikorrenti li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma haditx in konsiderazzjoni l-*mens rea*, jissottometti illi minn qari tas-sentenza in kwistjoni zgur li ma jistax validament jinghad li dik il-Qorti ma kkonsidratx il-*mens rea*, u jikkwota s-segwenti brani mis-sentenza:

> "Meta l-appellati pprezentaw id-dokument taghhom fil-hdax [11] ta' Settembru tal-elfejn u tmienja [2008] il-fond li minnu kien sejigi gestit it-taghlim ma kienx accessibbli ghal persuni b'dizabilita`' peress illi ma kellux access ghal wheelchair. **Dana l-appellati kienu jafuh** imma madanakollu fid-dokument nizzlu illi l-fond kien accessibbli ghal persuni b'dizabilita. **Dina kienet dikjarazzjoni falza illi minnha l appellati hadu gwadann peress illi l-process tat-tender ghadda ghat-tieni fazi ta' evalwazzjoni quddiem bord partikolari.**
>
> "... **L-appellati kienu jafu b'dan, hadu gwadann minn din il-gidba** billi l-process ghadda fl-istadju tal-evalwazzjoni. Il-fatt illi gie istallat stair climber fl-ghoxrin [20] ta' Novembru tal-elfejn u tmienja [2008] majbiddel xejn ghas-sitwazzjoni legali li qed iaffrontaw l-appellati".

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

19. L-ewwel ilment tar-rikorrenti mressaq taht din il-lanjanza jirrigwarda dikjarazzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali li skont huma hi wahda arbitrarja u manifestament zbaljata u li ma giex osservat dak provdut fl-Artikolu 656 fuq citat, liema artikolu jaqra testwalment hekk:

> "Min ghandu jiddecidi mhux marbut li joqgħod għall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tiegħu".

20. Din il-Qorti tosserva illi ma tirrizulta ebda inkompatibilita` bejn dak provdut f'dak l-artikolu u dak osservat mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Ghal kuntrarju, huwa ben risaput illi f'materja ta' prova peritali, l-insenjament gurisprudenzjali huwa fis-sens li, ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra u li l-Qorti mhijex tenuta li taddotta l-konkluzzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha, jibqa' l-fatt li l-Qorti m'ghandhiex tiskarta l-konkluzjonijiet tal-esperti teknici, specjalment fuq materja purament teknika, b'mod legger jew kappriccjuz, u kwalsiasi gudizzju li jmur kontra l-konkluzjonijiet peritali ghandu jkun motivat sewwa.

21. Din il-Qorti tirrileva li mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali jirrizulta manifest li dak li ghamlet dik il-Qorti fir-rigward kien li <u>ghazlet</u> li taccetta l-kontenut tar-rapport tekniku u ma rravvizatx li kien hemm raguni valida li ghaliha kellha tiskarta l-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjoni teknici maghmula f'dak ir-rapport. Dan huwa perfettament kompatibbli mad-diskrezzjoni li jaghti lill-qrati kriminali l-artikolu precitat. Ghaldaqstant din il-parti tal-aggravju hija manifestament fiergha.

22. It-tieni ilment tar-rikorrenti taht dan l-aggravju jikkoncerna enuncjazzjoni allegatament zbaljata tal-Qorti tal-Appell Kriminali meta rriteniet illi:

> "*L-importanti hu illi dakinhar illi gie pprezentat it-tender document fil-hdax [11] ta' Settembru tal-elfejn u tmienja [2008] dak id-dokument kien jghid xi haga illi ma kienx veru. L-appellati kienu jafu b'dan, hadu gwadann minn din il-gidba billi l-process ghadda fl-istadju tal-evalwazzjoni. Il-fatt illi gie istallat stair climber fl-ghoxrin [20] ta' Novembru tal-elfejn u tmienja [2008] ma jbiddel xejn ghas-sitwazzjoni legali li qed jaffrontaw l-appellati. Dan l-istair climber gie istallat wara l-prezentata tad-dokument tat-tender fejn allura l-appellati ircevew vantagg minn dan id-dokument sforz ghall-gidba illi kien fih. Dan jaqa' nettament taht ic-censura tal-artikolu 188 tal-Kap. 9 li ghaliha l-appellati ghandhom iwiegbu*".

23. Fir-rigward, din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fil-konsiderazzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali li l-mument relevanti ghall-finijiet tas-sejbien ta' htija tar-rikorrenti, allura akkuzati, kien dak li fih gie pprezentat it-*tender document* u li, f'dak il-mument, dak id-dokument kien jghid xi haga illi ma kenitx veru. Il-fatt li bejn dan il-perijodu tal-prezentata tat-tender document u l-perijodu li fih kellu jigi ffirmat il-kuntratt jezisti *mobilisation period* sabiex min jiehu t-tender ilesti ruhu li jaghmel dak kollu li jkun wieghed fl-offerta, ma jawtorizzax lill-offerent li fit-tender document jaghmel dikjarazzjoni falza jew jaghti taghrif falz ghall-gwadann personali tieghu.

24. L-interpretazzjoni adottata mill-Qorti tal-Appell Kriminali kienet illi kwistjonijiet intrinsici ghall-process ta' tenders tal-Gvern jaqghu lil hinn mill-ambitu tal-kamp penali, u jekk l-akkuza migjuba fil-konfront tar-rikorrenti tigi pprovata, tirrizulta l-htija minkejja kwalsiasi *mobilisation period* li seta' gie koncess. Ga ladarba fl-istadju tad-dikjarazzjoni fid-dokument tat-tender ir-rikorrenti pprovdew taghrif li f'dak il-mument kien

falz, allura huwa inutili li fi stadju ta' proceduri kriminali kontrihom, jipprovaw jikkwalifikaw tali dikjarazzjoni. Kwalsiasi kwalifika jew riserva kellha ssir fil-mument tal-prezentata tat-tender document, u ga ladarba din ma saritx[10], il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet gustifikata illi tikkonkludi illi dak minnhom dikjarat ma kienx veritier. Fl-ahhar nett jigi osservat li din il-vertenza kienet giet sollevata quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali li minn naha taghha tat id-decizjoni taghha fir-rigward. Ghaldaqstant anke din il-parti tal-aggravju hija infondata.

25. L-ahhar ilment tar-rikorrenti taht il-kappa tal-ewwel gravam taghhom hija s-sottomissjoni taghhom li, skont huma, il-Qorti tal-Appell Kriminali naqset milli tikkonsidra l-element tal-*mens rea* fl-analizi taghha tal-kaz, u l-fattur tal-*bona fidi* taghhom kellu jigi debitament ikkonsidrat.

26. A skans ta' ekwivoci, din il-Qorti tibda billi tosserva illi l-kompitu taghha fil-konfini ta' dan l-ilment ma huwiex illi tinvestiga jekk l-element tal-*mens rea* kienx jirrikorri fir-rikorrenti fil-mument tal-kommissjoni tar-reat, izda jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonsidratx tali element fid-deliberazzjoni taghha. Dan jirreferi ghall-element ta' xjenzja tal-imputati fil-mument tal-kommissjoni tal-agir lilhom imputat.

[10] Minn pagna 30 tat-tender document a fol 169 tal-process kriminali tirrizulta d-dikjarazzjoni minghajr rizervi tar-rikorrenti illi "*Premises are accessible for persons with disabilities*".

27. Minn ezami tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, jirrizultaw diversi referenzi ta' dik il-Qorti ghall-element intenzjonali tar-rikorrenti, hemmhekk imputati. Meta l-Qorti tal-Appell Kriminali kkonsidrat illi - "*Meta l-appellati pprezentaw id-dokument taghhom …….. il-fond li minnu kien se jigi gestit it-taghlim ma kienx accessibbli ghal persuni b'dizabilità peress illi ma kellux access ghal wheelchair. Dana l-appellati kienu jafuh imma madanakollu fid-dokument nizzlu illi l-fond kien accessibbli ghal persuni b'dizabilità. Dina kienet dikjarazzjoni falza illi minnha l-appellati hadu gwadann*[11] *peress illi l-process tat-tender ghadda ghat-tieni fazi ta'evalwazzjoni quddiem bord partikolari*" - dak li kienet qed tfisser huwa propju illi r-rikorrenti xjentement, ghamlu dikjarazzjoni inveritiera. Minn qari tas-sentenza in kwistjoni jirrizulta car lil din il-Qorti illi l-*mens rea* tar-rikorrenti kien propju wiehed mill-elementi li wasslu lill-Qorti tal-Appell Kriminali ghas-sejba ta' htija fil-konfront tar-rikorrenti. Ghaldaqstant anke dan l-ilment huwa fieragh.

28. Ghaldaqstant din il-Qorti tikkonsidra dan l-aggravju bhala mhux gustifikat u li huwa manifestament fieragh, u qed tichdu.

*It-tieni aggravju*

29. Permezz tat-tieni aggravju taghhom ir-rikorrenti jilmentaw illi, minkejja li fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti laqghet l-ewwel talba

[11] Sottolinear tal-Qorti.

taghhom u sabet li l-istqarrijiet moghtija minnhom lill-pulizija fl-istadju ta' interrogazzjoni kienu lezivi ghad-dritt ta' smigh xieraq sancit bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, qieset illi tali dikjarazzjoni kienet rimedju sufficjenti ghall-vjolazzjoni subita.

30. Jikkontendu illi l-operat tal-Pulizija Investigattiva kkontamina l-procedura sussegwenti awtomatikament u l-qrati b'kompetenza kostituzzjonali ghandhom jiggarantixxu l-korrettezza tal-proceduri mehuda u s-sentenzi nfushom fis-sens illi ghandhom jigu garantiti l-harsien ta' certu principji procedurali li huma indispensabbli ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Isostnu li, stante illi s-sentenzi moghtija fil-konfront tal-appellant kisru d-disposizzjoniijiet tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, ir-rimedju kellu jkun li dawk is-sentenzi ghandhom jigu dikjarati nulli u bla effett.

31. Jghidu illi dan kollu jaghmel iktar sens fil-kaz odjern fejn jidher car li l-Qorti tal-Appell Kriminali tat piz qawwi lill-istqarrijiet rilaxxati minnhom bil-konsegwenza li sabet htija. Ghalhekk huwa ovvju illi tali stqarrijiet mhux biss ikkondizzjonaw u kkontaminaw il-proceduri kriminali, izda sahansitra wasslu biex jitqiesu bhala elementi ta' prova importanti bizzejjed sabiex tinstab htija fl-appellanti.

32. Jissottomettu illi f'kazijiet bhal dawn l-iktar rimedju idoneju jkun illi tqieghed lill-appellanti f'dik il-posizzjoni originali kieku d-drittijiet taghhom ma gewx miksura u, in sostenn ta' dan jiccitaw sentenzi tal-Qorti Ewropea bhal **Pakshayev v. Russia** u **Abbasov v. Azerbaijan** in materja. Jghidu li s-semplici dikjarazzjoni mill-ewwel Qorti li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom u li tali dikjarazzjoni hija *just satisfaction* ghall-vjolazzjoni subita, mhix bizzejjed, mhux biss ghax mhuwiex rimedju effettiv izda wkoll ghaliex il-vjolazzjoni subita minnhom wasslet sabiex huma jinstabu hatja.

33. L-Avukat Generali jwiegeb ghal dan l-aggravju inter alia billi jissottometti illi, ghalkemm din il-Qorti tista' taghti kull rimedju li jidhrilha xieraq, madankollu r-rimedju mitlub mir-rikorrent huwa rimedju mhux gustifikat. Il-kompitu ta' dina l-Qorti huwa li tanalizza l-kompatibilita` tal-proceduri li minnhom qed jilmenta r-rikorrent mal-artikoli konvenzjonali de quo. Barra minn hekk, ma jridx jintesa' li l-iskop tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni huwa li jigu stabbiliti *standards* u s-sejbien ta' vjolazzjoni ta' dawn l-*istandards* huwa r-rimedju ewlieni. Jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Major Peter Manduca v. L-Onorevoli Prim Ministru** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Jannar 1995 fejn gie osservat illi hemm kazijiet fejn il-Qorti dehrilha li kien sufficjenti ghar-rikorrenti illi jkollu dikjarazzjoni li d-drittijiet tieghu kienu verament gew lezi.

34. Jghid li l-appellanti ma jistghux jippretendu li juzaw dawn il-proceduri biex jipprovaw jaharbu minn akkuzi li tressqu b'mod legittimu fil-konfront taghhom. Jirreferi ghall-awturi Jacobs and White fejn fil-pubblikazzjoni taghhom The European Convention on Human Rights [pagna 140] josservaw illi, "*a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgment, as the case may be*". Id-dritt ghal smigh xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-mertu izda jiggarantixxi biss il-harsien ta' certi principji procedurali [fosthom l-indipendenza u imparzjalita` tal-qorti u tal-gudikant, *audi alteram partem* u smigh u pronuncjament tas-sentenza fil-pubbliku] li jikkonducu ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, m'hijiex li tirrevedi s-sentenzi ta' qrati ohra biex tara jekk gewx decizi b'mod tajjeb jew le izda l-gurisdizzjoni kostituzzjonali hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux jew le d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni jew tal-Kostituzzjoni.

35. Dwar jekk l-istqarrijiet kellhomx impatt rigward is-sejbien ta' htija, l-istess intimat jissottometti li l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet gustifikata li tqis dak li xehedu r-rikorrenti ga ladarba huma ghazlu li jixhdu fil-proceduri kriminali u fl-ebda hin ma ghamlu ilment dwar l-istqarrijiet. Fi kwalunkwe kaz il-pern tal-kawza kriminali kien wiehed ta' interpretazzjoni tal-klawsoli u tal-kondizzjonijiet imnizzla fit-*tender documents* u huwa dan l-aspett li

wassal biex il-Qorti ssib htija fir-rikorrenti. Il-Qorti kellha quddiemha wkoll zewg relazzjonijiet ta' periti li tqabbdu proprju sabiex jezaminaw il-fond in kwistjoni u jirrelataw dwar jekk kienx hemm access ghal-persuni b'dizabilita` u li juzaw wheelchair. Iz-zewg periti teknici kkonfermaw li l-fond ma kellux dan l-access. Ghalhekk lanqas hu validu l-argument li l-istqarrijiet tar-rikorrenti kellhom xi impatt determinanti fis-sejbien tal-htija taghhom ga ladarba huma dejjem innegaw li wettqu xi ghemil kontra l-ligi. Jghid ghalhekk li r-rimedju moghti mill-ewwel Qorti ghalhekk huwa tajjeb u l-aggravju tal-appellanti m'ghandux jintlaqa'.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

36. B'dan l-aggravju r-rikorrenti jilmentaw mir-rimedju moghti mill-ewwel Qorti wara s-sejba ta' ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni minhabba nuqqas ta' assistenza legali waqt it-tehid tal-istqarrijiet lill-Pulizija. Huma jikkontendu illi rimedju xieraq kellu jkun l-annullament tas-sentenza kriminali.

37. Applikati l-principji su-citati ghall-kaz odjern, u tenut kont tal-fatt illi l-istqarrija moghtija mir-rikorrenti ma kenitx ir-raguni waħdanija li fuqha l-Qorti tal-Appell Kriminali sejset id-decizjoni tagħha, dan l-aggravju, wahdu, ma huwiex bizzejjed biex din il-qorti thassar is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Di fatti mir-rapport tal-perit tekniku l-AIC Paul

Micallef[12] jirrizulta[13] b'mod car li fiz-zmien li sar l-access mill-perit tekniku, fil-25 ta' Marzu 2009 "il-bini mhuwiex accessibbli ghal persuni b'dizabilita`".[14] Fir-rapport tieghu dan l-espert spjega fid-dettal il-kostatazzjonijiet fattwali li fuqhom huwa bbaza l-konkluzjoni tieghu, fosthom il-fatt li "l-bibien tal-facilitajiet sanitarji huma dojoq u ma jghaddix wheelchair minnhom… [dan].. jaghmilha impossibbli li persuni b'dizabilita` go wheelchari jaghmlu uzu minn dawn il-facilitajiet". Tal-istess fehma kien il-Perit A&CE Joseph Spiteri inkarigat mill-Kummissjoni dwar in-nies b'dizabilita` biex jaghmel spezzjoni tal-fond indikat mir-rikorrenti bil-ghan li jigi stabbilit jekk dan jistax jitqies bhala fond accessibbli ghal persuni b'dizabilita`. Dan jikkonkludi r-rapport[15] tieghu hekk: "The property inspected is not accessible to all as defined by the Access for All Design Guidelines". Dan juri bic-car li, apparti mill-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrenti u apparti mid-deposizzjonijiet[16] li huma kienu taw quddiem il-Qorti tal-Magistrati fejn ikkonfermaw il-fatti kif kontenuti fl-istqarrijiet taghhom, il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha elementi ta' provi ohra, konsistenti f'kostatazzjonijiet u konkluzjonijiet ta' nies teknici, li fuqhom dik il-Qorti setghet tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, jigifieri s-sejbien ta' htija tar-rikorrenti.

---

[12] Redatt fil-5 ta' April 2009 u prezentat fl-14 ta' Ottubru 2010 fil-mori tal-proceduri kriminali
[13] Process kriminali - Fol.415
[14] Ibid - Fol.405
[15] Ibid – Fol.415
[16] Rosanna Galea – App.152/13 Vo.11 moghtija 13 ta' Settembru 2011; u John David Gaea – Ibid – moghtija fl-20 ta' Ottubru 2011

38. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi din il-Qorti tikkondidvidi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li, fil-kaz odjern, ir-rimedju attribwit minn dik il-Qorti huwa, fic-cirkostanzi, wiehed gust u adegwat, u ma thossx li ghandha tvarja d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti in rigward.

39. Ghaldaqstant dan it-tieni aggravju tar-rikorrenti qieghed ukoll jigi michud.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi l-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell tar-rikorrenti u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha. L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif regolati mill-ewwel Qorti, filwaqt li l-ispejjez tal-appell ikunu kollha a karigu tar-rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb